MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 10/17**

| | |
|---|---|
| Data: | 28 ta' Novembru 2017 |
| **Ħin:** | 6:10pm |
| Post: | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

ŻEJTUN
Citta` Beland

**Frott iż-Żebbuġ**
Ismi

| | |
|---|---|
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku |
| | Stephanie Fenech - Viċi-Sindku |
| | Joan Agius - Kunsilliera |
| | Claude Camilleri - Kunsillier |
| | Dorcas Camilleri - Kunsilliera |
| | Raymond Caruana - Kunsillier |
| | Sean Chircop - Kunsillier |
| | Joseph Hales - Kunsillier |
| | Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati** | Amanda Abela - Kunsilliera |
| | Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| | **Ġurament tas-Sindku, Viċi-Sindku** |
| | Diskors mis-Sindku Sja Maria Dolores Abela |
| | Tislima lis-Sur Joe Attard |
| 10.01 | Qari tal-ittri ta' apologiji |
| 10.02 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti |
| 10.03 | Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza |
| 10.04 | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 10.05 | Quarterly Accounts |
| 10.06 | **Offerti Ġnien San Girgor / Ħitan tas-Sejjiegħ** |
| 10.07 | Infrastruttura |
| 10.08 | **Xogħolijiet fuq il-Ħitan ta' Vjal il-25 ta' Novembru** |
| 10.09 | Numerazzjoni tal-bibien |
| 10.10 | **Vettura għall-użu tal-Kunsill** |
| 10.11 | **Deċizjoni dwar l-Attivitajiet tal-Milied** |
| 10.12 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti |
| 10.13 | Affarijiet oħra |
| 10.14 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |

Il-laqgħa infetħet permezz tal-ġurament tal-ħatra tas-Sindku, is-Sja. Maria Dolores Abela, tal-Viċi-Sindku, is-Sja. Stephanie Fenech kif ukoll tal-Kunsilliera, is-Sja. Dorcas Camilleri. Dan il-ġurament ittieħed fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Martina Herrera LL.D, s-Segretarju Eżekuttiv u l-membri tal-Kunsill. Kif intemmet din iċ-ċerimonja, is-Sindku talbet għal minuta silenzju bħala turija ta' rispett għall-eks Sindku s-sur Joseph Attard, fejn imbgħad kompliet bid-diskors tal-okkazjoni. Fost affarijiet oħra fid-diskors tagħha s-Sindku esprimiet l-apprezzament għal ħidma kollha li wettaq is-Sur Attard, kif ukoll awgurat ħidma mill-aqwa b'risq iż-Żwieten għal kumplament ta' din il-leġiżlatura.

10. 1. Qari tal-ittri ta' apologiji

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa lis-Sindku li Abela ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba li tinstab indisposta (imejl annessa). | |

10. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2. | 1 | | Proponent: J. Agius<br>Sekondant: C. Camilleri | Il-Minuti 09/17 inqraw u ġew approvati nem.con. | |
| 10. | 2. | 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2. | | | Rapporti mill-Minuti | | |
| 10 | 2 | 3 | 9.2.15 | Caruana : Triq Nikola Attard | Caruana ġibed l-attenzjoni li r-residenti ta' Triq Nikola Attard għamlu petizzjoni sabiex l-aċċess bil-vetturi għal din it-Triq min naħa ta' Triq Bugħarbiel ma jingħalaqx. Is-Sur Hales ikkonferma li ser jiltaqa' ma' Uffiċjal ta' Transport Malta sabiex tiġi proposta u sussegwentament approvata il-Height Limitation Bar għal din it-Triq. Is-Sur Hales ippropona wkoll li din it-tip ta' sistema għandha ssir ukoll fil-parti t'isfel ta' Triq Luqa Briffa. IL-Kunsill qabel ma' din il-proposta. | Hales |
| 10 | 2 | 4 | 9.2.05 | Hales : Zebra Crossing Triq Dun Lawrenz Degabriele | Hales spjega li għandu konferma b'mod verbali li din iz-Zebra Crossing ser titneħħa minn fejn qiegħda minħabba l-pożizzjoni perikoluża fejn saret . S-Sur Hales sostna li ladarba din saret fejn indikat u fejn ġiet proposta minn Transport Malta, il-piż finanzjarju sabiex titneħħa u tigi rilokata għandu jinġarr minn Transport Malta. | Hales |
| 10 | 2 | 5 | 9.2.12 | Chircop - CD | Chircop irraporta li CD nħarget għal bejgħ għal prezz ta Ewro 5 u ntlaqgħet tajjeb ħafna. | |
| 10 | 2 | 6 | 9.3.01 | Chircop - Dun Spir Grixti | Chircop staqsa dwar x'ser jiġri mill-immaniġjar tat-Traffiku ta' Dun Spir Grixti. Hales irraporta li l-Kunsill għadu tal-istess opinjoni, dik li ma jħossx il-ħtiega li ssir one-way minħabba l-inkonvenjent li din tista toħloq. L- istess ukoll jista jingħad għal proposta tal-one-way ta' triq Kanonku Giov. De Domenico. Is-Sindku talbet sabiex ir-residenti ta' dawn iż-żewg toroq jiġu nfurmati dwar din id-deċiżjoni. | Hales |
| 10 | 2 | 7 | 9.9.16 | Chircop - Halloween | Chircop irraporta li waqt l-attivita' li saret f'Halloween inġabru 786 kilo ikel li tqassmu lill-Creche tal-Ursolini u lill-Foodbank . | Chircop |
| 10 | 2 | 8 | 9.9.08 | Chircop - Ħsara kawżata minn xogħlijiet fit -Toroq. | Chircop staqsa x'hini s-sitwazzjoni f'dan ir-rigward. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li min japplika għal permess tal-PA qiegħdha tinżammlu garanzija bankarja mill-istess PA li sabiex tiġi rilaxxata l-ewwel irid il-konferma tal-Kunsill li ma saret l-ebda ħsara jew jekk dan ikun il-kas , tkun saret it-tiswija neċessarja. Minbarra dan, il-Kunsill qiegħed jitlob depożitu wkoll għall-istess raġuni. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 2 | 9 | | Caruana: Speed Camera Triq President Anton Buttigieg | Caruana staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward ta' l-installazzjoni ta' Speed Camera fi Triq President Anton Buttigieg. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li għalkemm saret it-talba lill-LESA, sa issa ma rċevejna l-ebda tweġiba. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 2 | 10 | 09.9.12 | Camilleri : Pavimentar fi Blokk 'O' f'Ħal Tmin | Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq dan ir-rigward. Agius infurmat lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa mal-Awtorita' tad-Djar fejn ser tiġi mressqa wkoll din it-talba. | Agius |
| 10 | 2 | 11 | 09.03.02 | Sindku: Ħsarat f' Vettura fi Triq il-Qalb ta' Ġesu | Is-Sindku rrimarkat li qabel jiġi aċċettat dan il-ħlas, ser titkellem mal-kuntrattur responsabbli li għamel dan ix-xogħol sabiex jiġi determinat x'wassal għal dan l-inċident. | Sindku |
| 10 | 2 | 12 | 09.09.01 | Sindku - Sorveljanza dwar abbuż ta' Skart | Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm żviluppi f'dan ir-rigward. Hales informa l-Kunsill li ser issir laqgħa mas-Sur Ramon Deguara sabiex jiġi determinat jekk tistax issir sorveljanza minn naħa tal-Cleansing Services Department flimkien ma uffiċjali ta' l-ALE. | Hales |
| 10 | 2 | 13 | 09.09.13 | Viċi-Sindku - Attivitajiet b'risq il-MCCF | Il-Viċi-Sindku spjegat li fit-23 u l-24 ta' Diċembru ser isir Bake Sale b'risq il-Communtiy Chest Fund, fejn ser tittella' waqt il-ħinijiet tal-quddies. | Viċi-Sindku |
| 10 | 2 | 14 | 09.09.17 | Aġius - Pantomima tal-Milied | Agius infurmat lill-Kunsill li l-Pantomima tal-Milied ser issir kif skedat nhar is- 27,28 u 29 ta' Diċembru fis-sala Ġużeppina Curmi. | Agius |

10 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 1 | | DLG- Ċirkulari 31-34 | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bil-kontenut ta' dawn iċ-ċirkulari fosthom ċirkulari 34/2017 fejn il-Kunsill innota b'sodisfazzjon żieda fl-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2018 mill-Gvern Ċentrali. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 2 | | PA | Il-Kunsill innota li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-PA għal permessi 0842/17 ,6785/17,3188/17, 4779/17 sabiex jitħares u jiġi rispettat il-karattru taż-żona. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 3 | | DLG - Inizjattiva dwar restawr ta' Postijiet Storiċi 2017 | Permezz ta' din il-korrispondenza l-Kunsill ġie nfurmat li din l-applikazzjoni ma ntlaqgħatx. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 4 | | Awtorita' tad-Djar - Programm ta' Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern | Aġius infurmat lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin ser ikollha laqgħa fuq dan is-suġġett sabiex jiġi stabbilit kif ser titħaddem din l-iskema u x'ser ikun l-involviment tal-Kunsill.ċ | Aġius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 5 | TCTC - EM Citizen | Filwaqt li s-Sindku talbet lil Camilleri sabiex iġib iżjed informazzjoni fuq dan it-taħrig, il-Kunsill qabel li għandu jkun partecipi f'din l-inizjattiva. | C. Camilleri |
| 10 | 3 | 6 | M-Quip - Ħsarat fuq l-iskate park | Il-Viċi-Sindku nfurmat lil Kunsill li l-istima sabiex titranġa l-ħsara ta' l-iskate park hija għolja ferm, għaldaqstant ser titlob lill-fornitur sabiex titneħħa l-parti l-imkissra. Il-Kunsill qabel li l-periklu għandu jitneħħa b'mod immedjat. | Viċi-Sindku |
| 10 | 3 | 7 | Annabelle Stivala - Festivals Malta 2018-2020 | Permezz ta' din il-Korrispondenza, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ser issir inawgurazzjoni fil- 5 ta' Diċembru fil-Phoenicia Hotel. Aġius ikkonfermat l-attendenza tagħha. | Agius |
| 10 | 3 | 8 | Gal Xlokk - Rappreżentanza tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun | Il-Gal Xlokk informa l-Kunsill sabiex wara t-telfa tas-Sur Joe Attard, jinnomina persuna bħala rappreżentanta fil-Gal Xlokk. Hales irrakomanda li s-Sindku għandha tokkupa din il-kariga. Il-Kunsill qabel nem.con | Sindku / Segretarjat |
| 10 | 3 | 9 | Diane Faenza - Ħsara fuq Vettura fi Triq Toni Zahra | Il-Kunsill innota din it-talba u approva t-talba ta Euro 55.00 għal ħsara li ġarrbet is-Sja Faenza. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 10 | Transport Malta - Aċċess minn Triq President Anton Buttigieg għal Triq il-Għadam | Filwaqt li Transport Malta m'aċċettatx it-talba sabiex jerġa jinfetaħ l-aċċess bil-vetturi minn Triq President Anton Buttigieg għal Triq il-Għadam, IL-Kunsill qabel li għandu jerġa jikteb lill TM fejn jagħmel oġġezzjoni għal din id-deċizjoni. | Hales |

10. 4. **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|

10. 5. Quarterly Accounts

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 5 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv għamel spjegazzjoni dettaljata fuq il-Quaterly Accounts għal perjodu Lulju sa Settembru 2017, fejn spjega li għalkemm f'dan il-kwart saret spiża kapitali konsiderevoli, jidher li s-sena xorta ser tagħlaq b'bilanċ pożittiv. Dan ir-rapport ġie approvat nem.con | Segretarju Eżekuttiv |

10. 6. **Offerti Ġnien San Girgor / Ħitan tas-Sejjiegħ**

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 6 | 1 | Sindku / Segretarju Eżekuttiv - Ġnien San Girgor | Is-Segretarju Spjega kif dan it-Tender kien maqsum fi tnejn, parti għal bdil tal-pavimentar u parti oħra għal tagħmir ta' logħob tat-tfal. It-Tender tal-pavimentar ser tiġi skwalifikata peress li l-uniku offerent issottometta il-BOQ żbaljata. Għat-tagħmir tal-logħob tat-tfal, is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill dettalji ulterjuri. Il-Kunsill qabel li x-xogħol f'dan il-Ġnien għandu jsir għal bdil ta' partijiet mill-pavimentar, sistema ta' dawl ġdida kif ukoll tagħmir ta' logħob differenti. Il-Kunsill qabel nem.con li għal dan ix-xogħol għandha tinħareg sejħa għall-offerti. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 6 | 2 | Sindku / Segretarju Eżekuttiv - Miżura 4.4 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għalkemm il-Kunsill ħareġ it-Tender , għadu ma ġiex konfermat jekk il-fondi mill-Miżura 4.4 humiex ser jingħataw lill-Kunsill. Għalkemm ser tintalab informazzjoni fuq il-fondi, il-Kunsill qabel li t-Tender għandu jingħata lill-irħas offerent bil-kundizzjoni li x-xoghol jitwettaq jekk kemm il darba jiġu approvati l-fondi. | Segretarju Eżekuttiv |

10. 7.

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 7 | 1 | | | | |

10. 8. **Xogħolijiet fuq il-Ħitan ta' Vjal il-25 ta' Novembru**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 8 | 1 | | Hales - Ħitan Vjal 25 ta' Novembru | Hales spjega li dawn il-ħitan qegħdien fi stat perikoluż ferm u għaldaqstant għandhom jitranġaw minnufiħ. Is-Sindku spjegat li l-aħjar kieku jinstabu s-sidien sabiex ix-xogħol isir minnhom. Hales spjega li dan huwa diffiċli għaldaqstant ser tiġi esplorata l-possibbilita' li dan ix-xogħol isir mill-Ministeru tax-Xogħolijiet u Infrastruttura. | Hales |

10. 9. Numerazzjoni tal-bibien

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 9 | 1 | | Hales - Numerazzjoni tal-Bibien | Hales spjega kif fi Triq id-Daħla ta' San Tumas in-numri tal-bibien mhux qegħdien f'sekwenza kif jixraq, għaldaqstant ser issir talba lid-Door Numbering Unit sabiex issir rijorganizzazzjoni tan-numri. | Hales |

10. 10. **Vettura għal-użu tal-Kunsill**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10 10 1 | | Hales | Is-Sur Hales spjega kif fil-preżent qiegħdha ssir użu mill-Vettura tas-sur Vincent Grixti għax-xoghol tal-Kunsill, fejn l-unika rimbors li qiegħed jirċievi hu biss ghal-fuel mingħajr l-ebda rimbors ieħor bħal ħsarat eċċ. Is-Sur Hales ippropona li apparti l-fuel, tingħata allowance ta' €40 fil-ġimgħa lis-Sur Grixti. Filwaqt li l-Kunsill qabel fil-prinċipju, ser tiġi evalwata l-implimentazzjoni ta' din il-proposta aktar fid-dettall. | Segretarju Eżekuttiv |

10 11 Rif **Deċizjoni dwar l-Attivitajiet tal-Milied**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10 11 1 | | Sindku - Attivitajiet tal-Milied | Il-Kunsill qabel li b'rispett lejn l-eks Sindku s-Sur Joe Attard, din is-sena il- pjanijiet għal-bibita tal-Milied ser jiġu kkanċellati kif ukoll mhux ser isir tiżjin fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li t-tiżjin fit-toroq u l-Kunċert tal-Milied għandhom isiru kif ppjanat. | Sindku |

10. 12. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10 12 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/17 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 12 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/17 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 12 3 | | Petty Cas h - Ottubru 2017 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Ottubru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €48.96. Dak ta' Dicembru kien jammonta | Segretarju Eżekuttiv |

10 9 Affarijiet ohra

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10 9 1 | | Agius - Triq Msemmija għal l-eks Sindku Joe Attard | Agius ipproponiet sabiex Vjal 25 ta' Novembru , l-parti residenzjali tissemma għall-eks Sindku s-Sur Joe Attard. Hales ipporopona li t-triq idejali hi l-parti ta' isfel ta' Triq Sant Anġlu, peress li fiha aktar rabta ma' fejn għix, tgħallem u trabba Joe Attard. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. | Hales |
| 10 9 2 | | Agius - Kamra fl-Uffiċini tal-Kunsill msemmija għal Joe Attard u Monument | Agius ipproponiet ukoll li l-Kamra t'isfel fl-uffiċini tal-Kunsill għandha tissemma għas-Sur Joe Attard, fejn għandu jitpoġġa wkoll ritratt tiegħu. Il-Kunsill qabel fejn ġie deċiż li għandha tiġi 'nawgurata nhar id-19 ta' Marzu. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 9 | 3 | Agius - Monument ta' Joe Attard | Agius saħqet li fiż-Żejtun għandu jsir momument sabiex ifakkar il-memorja ta' Joe Attard. Gie deċiż li għal dan għandu jitwaqqaf kumitat fejn il-Kunsill ikollu wkoll rappreżentanza. IL-Kunsill qabel nem.con | Sindku |
| 10 | 9 | 4 | Hales - Kawża Pendenti mal-Ministeru tax-Xogħolijiet u Infrastruttura | Hales ippropona sabiex ma jibqgħux jiżdiedu l-interessi, l-Kunsill għandu jħallas b'mod immedjat l-ammont kollu eskluż l-interessi. Is-Segretajru Eżekuttiv spjega li għalkemm tkellem ma' diversi Ministeri, d-Dipartiment tal-Gvern Lokali u oħrajn, xorta ma ntlaħaqx ftehim. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Ministru Dr. Ian Borg u mal-Ministru l-Hon. Dr. Owen Bonnici fuq dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel nem.con | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 9 | 5 | Sindku - Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku rrapurtat li x-xogħlijiet tal-WSC fuq il-parti ta' fuq ta' din it-triq għandhom ikunu lesti sa 4 ġimgħat oħra kif ukoll li l-parti tat-Triq minn Santa Katerina sa Triq Hector Dalli ser tinfetaħ għat-traffiku fi żmien ġimgħa. Caruana sostna li mhux aċċettabli li fuq proġett ta' din ix xorta ma jkunx hemm l-ebda uffiċjal ta' Transport Malta sabiex jidderiġi t-Traffiku. | Sindku |
| 10 | 9 | 6 | Sindku - Wesgħet l-Inġiniera | Is-Sindku rrapurtat li x-xogħol fuq Wesgħet l-Inginiera miexi ġmielu u sar qbil li għandha ssir bollard titla u tinżel quddiem il-ħwienet li jinsabu f'din il-Wesgħa. Is-Sur Caruana talab sabiex isiru 2 bankijiet. Il-Kunsill qabel nem.con. | Sindku |
| 10 | 9 | 7 | Sindku - Premju Anzjanita Attiva | Is-Sindku irrapurtat li s-Sur Angelo Zahra rebaħ il-premju ta' Anzjanita Attiva. Issuġerit ukoll li tintbagħat ittra ta' awguri lis-Sur Zahra Is-Sindku nfurmat ukoll lill-Kunsill li s-Sja Tereza Camilleri ġiet nominata għal Ġieħ ir-Repubblika. | Sindku |
| 10 | 9 | 8 | Agius - Żjara minn membri tal-Commonwealth | Agius irrapurtat li nhar il-Ġimgha 24 ta' Novembru saret żjara fiż-Żejtun f'diversi postijiet ta' nteress min membri tal-Commonwealth. Ser isir rapport dwar din iż-żjara sabiex tkun tista ssir rifużjoni tal-ispejjeż. | Agius |
| 10 | 9 | 9 | Viċi-Sindku - ringrazzjament lill-Kunsill ta' Celano | Viċi-Sindku talbet sabiex issir ittra ta' ringrazzjament lill Kunsill ta' Celano għas sogħba li wrew għat-telfa ta' Joe Attard kif ukoll għal preżenza tagħhom fil-funeral tiegħu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 9 | 10 | Viċi-Sindku - Applikazzjoni Human and Citizen Rights . | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li ħejjiet applikazzjoni flimkien ma' Chirchop għal proġett fuq il-Human and Citizen rights , kif ukoll li ser isir workshop bejn id-19 u l-21 ta' Diċembru. | Viċi-Sindku |
| 10 | 9 | 11 | Caruana - Tabelli li jindikaw il-Ġemellaġġi | Caruana talab sabiex issir tabella li turi l-Ġemellaġi li għandu iż-Żejtun. Il-Kunsill qabel nem.con | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 9 | 12 | Chircop Attivitajiet | Chircop informa l-Kunsill li fid-9 ta' Diċembru ser isir Hike kif ukoll il-Kunċert annwali tal-Milied li ser isir fit-30 ta' Diċembru u li fih ser titfakkar il-220 sena mill-għotja ta' titlu ta' Belt . | Chircop |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10 | 10 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss | | |
| Riferenza | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | Inkarigat |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-10:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Diċembru 2017 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv